**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spetturi Simon Galea / Dennis Theuma)

**vs**

**Shone (Carmel Shone) Agius**

Illum 24 ta` Jannar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Shone (Carmel Shone) Agius, ta` 28 sena, bin Philip u Mary nee` Magro imwieled Pieta` fl-24 ta` Frar 1973 u joqghod 60 St Patrick Street, Gzira ID 123673 (M) talli:

1. Fin-Naxxar, f`xi hin filghodu, fit-13 ta` Settembru 2001, ikkommetta serq ghad-dannu ta` Amabile Aquilina, lieam serq hu aggravat bil-valur ta` aktar minn Lm100maltin izda inqas minn Lm1,000 u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli fl-ahhar zminijiet f`dawn il-Gzejjer xjentement laqa` ghandhu jew stara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, u cioe` serq, u xjentement b`kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Tallisar recidiv b`diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-7 ta` Novembru 2001, li l-kaz seta` jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ma oggezzjonax ghal dan it-trattament.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati

Rat l-Artikoli 267 u 271 tal-Kapitolu 9 kif ukoll li huwa recidiv b`diversi sentenzi.

Rat ukoll l-Artikolu 28A tal-kapitolu 9, billi l-akkuzat xtara u ta lid-derubat oggett bhal dak li seraq.

Tikkundannah **sentejn (2) prigunerija liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat soggett ghall-prigunerija fi zmien erba` (4) snin mill-lum**

Il-Qorti qed taghti lill-akkuzat it-twissijiet mitluba mill-ligi.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera kopja.

L Spiteri Bailey

Dep Reg.